# QNIEPEN OĦRA TAL-KNISJA TA' SANNAT

Kitba ta'
Victor Vella Muskat

**Daħla**

F'żewġ ħarġiet preċedenti ta' dan il-magazin tal-festa, dak tas-sena 2006 u dak tas-sena 2008, diġa tajna xi ħjiel dwar il-qniepen li bihom kienet u għadha mogħnija din il-knisja parrokkjali, dawk qodma li llum jew tkissru għall-bronż jew ġew trasferiti fi knejjes f'Malta: il-Mellieħa u Ħal-Tarxien u dwar is-sett ta' ħames qniepen ta' Barigozzi li għadhom iżejnu l-knisja sal-llum. Illum se ngħidu xi ħaġa dwar qniepen oħra li ġew akkwistati mill-parroċċa ta' Sannat u li llum jinsabu fl-istess knisja.



**Il-Qanpiena ta' Paccard**

Fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Nikol Vella (1973-1988), inħasset il-ħtieġa li jinxtraw żewġ qniepen oħra biex fuqhom idoqq l-arloġġ tal-knisja. Saru trattattivi mad-ditta Franċiża Pierre Paccard ta' Annecy, Franza, permezz tal-aġent tagħhom f'Malta, id-ditta Nani tal-belt Valletta, għax-xiri ta' żewġ qniepen. Ġara iżda li waqt li dawn it-trattattivi kienu għaddejjin, tfaċċat l-opportunita li jinxtraw qniepen oħra (dawk ta' Bollee' ) għall-istess skop. Saru għalhekk arranġamenti mad-ditta Paccard, permezz tal-aġent tagħha id-Ditta Nani ta' Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, Malta, biex issir qanpiena waħda biss. Għalhekk ntbagħat tape tad-daqq tal-qniepen tal-knisja ta' Sannat, biex iservi lill-fabbrika bħala gwida aħjar għat-tonalita 'Mi Naturale' li kienet rikjesta għal din il-qanpiena l-ġdida u dan sabiex tkun taqbel fid-daqq mas-sett tal- ħames qniepen ta' Barigozzi.



*It-tberik tal-qanpiena ta' Paccard li sar mill-E. T. Mons. Isqof Djoċesan Nikol Cauchi nhar is-Sibt, 9 ta' Frar, 1985*

Id-ditta Paccard ma kinetx kuntenta b'dan l-arranġament u bagħtet espert tekniku minn tagħha biex jisma' l-qniepen jindaqqu fuq il-post. Billi s-sett tal-qniepen preżenti għandhom it-tonalita' ta' 'La maggiore' u huma ħamsa fin-numru, oħra magħhom tkompli tgħaqqad is-sett. It-ton ta' kull qanpiena huwa hekk, mill-kbira għaż-żgħira: La, Do, Mi, La, Do - mela kien jonqos oħra li t-ton tagħha kellu jkun 'Mi naturale'. Mgr. Lawrenż Sciberras kien

preżenti fil-kampnar meta l-espert tad-ditta Paccard, b'mazza tal-injam f'idu, daqq il-qniepen. Hekk l-espert ikkonkluda li t-ton tal-qanpiena l-ġdida kellu jkun 'Mi naturale'.biex b'hekk tintona tajjeb ħafna mal-bqija tal-qniepen l-oħra. Meta mbagħad waslet, il-qanpiena kienet tagħmel akkordju perfett maż-żewġ qniepen iż-żgħar li kien hemm fil-kampnar. Din il-qanpiena swiet madwar elf u ħames mit lira Maltin (€3494) u tħallset mill-ġbir tal-poplu . Tiżen żewġ qnatar (160 kilo). Waslet Għawdex f'Awwissu tal-1984, l-istess sena li fiha ġiet ordnata. Waslet ġo kaxxa tal-injam akkumpanjata minn espert tad-ditta Nani. X'ħin waslet ta' Sannat, iddaħħlet fil- knisja fejn ġiet miftuħa l-kaxxa biex il-qanpiena setgħet tinħareġ. Hawnhekk l-espert tad-ditta Nani kien pront idoqq il-qanpiena b'mazza tal-injam li kellu f'idu u dlonk ikkonferma li t-tonalita tagħha kienet 'Mi Naturale'



*Il-qanpiena ta' Paccard illum tinsab miġbura fid-dar tal-Arċipret.*

Peress li din il-qanpiena saret fl-1984, is-sena li fiha kien qed jiġi ċċelebrat is-17-il Ċentinarju mit-Twelid ta' San Ġorġ, il-komunita ta' Sannat iddecidiet li ssemmi u tiddedika din il-qanpiena lil qaddis patrun ta' Għawdex,. Iċ-ċerimonja tat-tberik u l-inawgurazzjoni saret mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, nhar is-Sibt, 9 ta' Frar, 1985. Ittellgħet bil-krejn tal-aħwa Rapa mir-Rabat ta' Għawdex. Meta ttellgħet, tpoġġiet fuq il-bejt tal-knisja, mdendla ma' travu tal-ħadid, li kien poġġut, min naħa ta' Nofsinhar fuq pilastru mibni tapposta minn Kelinu Grech, ta' Reddes u fuq in-naħa tat-Tramuntana imdaħħal fil-ħajt wara tal-frontispizju. fejn kienet tindaqq sakemm tniżżlet. Illum tinsab fid-dar tal-Arċipriet.



**L-Arċipriet Dun (illum Monsinjur) Nikol** *Vella il-benefattur tal-qniepen Bollee' (tal-arloġġ)*

**Il-Qniepen Bollee'**

Il-qniepen li fuqhom kien idoqq l-arloġġ kien jiġrilhom ħafna ħsara. Fl-istess waqt l-istess imrietel tal-arloġġ kienu qed jikkawżaw ħsara fil-pilastri tal-kampnar. Għalhekk fl-1984 ittieħdet deċiżżjoni li jinxtraw żewġ qniepen għall-arloġġ.

Iż-żewġ qniepen tal-arloġġ li hemm illum, waħda tas-sigħat u l-oħra għall-kwarti, saru mid-ditta Franċiża "Domenique Bollee' f'Le Mans, Franza għall-arluġġar Pariġin Nehry-Lepaute. Dawn iż-żewġ qniepen, flimkien ma oħra iżgħar minnhom iżda tal-istess ditta, ġew fonduti fis-sena 1847. Skond ma hemm indikat fuqhom, id-ditta imsemmija kienet rebħet 'silver medal' għax-xogħol ta' preċiżjoni li twettaq. It-tliet qniepen kienu inxtraw mingħand Pawlu Borg, regattier minn Birkirkara permezz ta' Piju Borg, regattier mir-Rabat Għawdex li għandu l-ħanut tiegħu fi Pjazza Savina tal-istess belt.

Pawlu Borg kien jixtri l-affarijiet antiki minn Franza biex wara ibigħhom bl-irkant hawn Malta. Wara li ġie kkuntattjat minn Toni Sciberrras ta' Sannat, permezz ta' Piju Borg, Pawlu Borg, illum mejjet, sab, fi Franza, dan is-sett ta' tliet qniepen, li kienu jintuzaw biex idoqq fuqhom l-arloġġ ta' xi knisja Franċiża. Xtrahom u ġabhom Malta għall-knisja ta' Sannat. Ġab flimkien magħhom ukoll l-imrietel, il-molol u l-ħadid tagħhom. Fil-fatt, l-istess imrietel qegħdin jintużaw maż-żewġ qniepen li twaħħlu



*Waħda mill-qniepen ta' Bollee' (iż-Żgħira) li baqgħet ma ntużats, u illum tinsab merfugħa fid-dar tal-Arċipriet*

fil-kampnar biex l-arloġġ idoqq fuqhom. Għalkemm l-iżgħar qanpiena, flimkien mal-molol u l-ħadid, sal-Lum għadha ma ntużatx għalkemm kien hemm il-ħsieb li tibda' tintuża fiċ-ċimiterju, baqgħet miżmuma fl-Uffiċċju Parrokkjali tal-parroċċa ta' Sannat.

Dawn it-tliet qniepen, flimkien mal-imrietel, molol u ħadid kienu swew madwar seba' mit lira Maltin ( €1630) li kien ħallashom minn butu l-Arċipriet ta' Sannat, dak innhar Dun (illum Monsinjur) Nikol Vella. Dawn il-qniepen twaħħlu fis-sena 1985. Il-piż tagħhom ivarja bejn qantar u qantarejn. Dawn huma l-uniċi qniepen tad-ditta Dominque Bollee' f'Malta u Għawdex.



*Qanpiena antika li kienet maħsuba biex tiddendel fiċ-ċimiterju tal-parroċċa*

**Il-Qanpiena tal-Vapur**

Fid-dar tal-Arċipriet hemm qanpiena antika, żgħira ħafna, li kienet maħsuba li fl-antik kienet se tiġi mdendla fiċ-ċimiterju tal-parroċċa. Din il-qanpiena għandha martell magħha b'mod li tista' tindaqq minn isfel. Jingħad li din il-qanpiena kienet fuq vapur u li baħri minn ta' Sannat, li kien jaħdem fuqu, wara li akkwistaha , rregalaha lill- knisja tar-raħal tiegħu bil-ħsieb li tiġi wżata fiċ-ċimiterju.

**Nota: Ħajr lil Mgr. Lawrenż Sciberras, Dun Anton Mizzi u lis-sinjuri George Azzopardi u Toni Xiberras tal-informazzjoni li għaddewli, kemm bil-kelma kif ukoll bil-miktub, biex fuqha stajt insejjes din il-kitba.**

